MALTA

# QORTI TAL-APPELL

**(Sede Inferjuri)**

**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-23 ta' Marzu, 2022

Appell Inferjuri Numru 235/2016LM

**Adrian Muscat (K.I. nru. 129983(M))**
*('l-appellant')*

***vs*.**

**Matthew Agius (K.I. nru. 545583(M))**
*('l-appellat')*

**Il-Qorti,**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell magħmul mir-rikorrent **Adrian Muscat (K.I. nru. 129983(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellant'] mis-sentenza mogħtija fl-14 ta' Ġunju, 2021, [minn issa 'l quddiem 'is-sentenza appellata'] mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) [minn issa 'l quddiem 'l-ewwel Qorti'], li permezz tagħha

ddeċiediet ir-rikors tiegħu fil-konfront tal-intimat **Matthew Agius (K.I. nru. 545583(M))** [minn issa 'l quddiem 'l-appellat'] billi ċaħdet it-talbiet tiegħu, b'dana li l-ispejjeż kellhom jibqgħu bla taxxa.

**Fatti**

2. Il-fatti tal-każ odjern jirrigwarda artikolu miktub mill-appellat bl-isem *"Road rage aggressor had threatened to shoot man in 2008",* li deher fil-gazzetta *Maltatoday* tal-24 ta' Awwissu, 2016, liema artikolu semma lill-appellant u lil ħuh Alan Muscat bħala wlied Marius Muscat, is-suġġett tat-titolu tiegħu. Fl-istess artikolu nkiteb ukoll li *"Claims that Muscat's son had suffered burns in a boat fire, which had been started in an attempt at insurance fraud, remain unconfirmed".*

**Mertu**

3. L-appellant istitwixxa dawn il-proċeduri quddiem l-ewwel Qorti permezz tal-preżentata ta' rikors fit-23 ta' Settembru, 2016 fejn ħarrek lill-appellat sabiex jgħid għaliex m'għandux jiġi kkundannat minn dik il-Qorti sabiex:

*"1) prevja id-dikjarazzjoni illi l-artiklu intitolat "Road rage aggressor had threatened to shoot man in 2008" pubblikat f'paġna 3 tal-ħarġa tal-gazzetta "maltatoday" tal-24 ta' Awwissu, 2016 (kopja ta' liema paġna hija hawn eżibita bħala Dok A), ta' liema artiklu inti l-awtur, huwa libelluż u malfamanti fil-konfront tar-rikorrenti u għandu bħala skop li jtellef jew inaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrenti; u*

*2) prevja id-dikjarazzjoni illi l-pubblikazzjoni fil-gazzetta elettronika "maltatoday.com.mt" tas-26 ta' Awwissu, 2016 intitolata "Road rage aggressor*

*had threatened to shoot man in 2008), li tagħha inti awtur, u li setgħet, u għadha tista', tinqara fis-sit http://www.maltatoday.com.mt/news/court_and_police/68874/road_rage_aggresso___had_threatened_to_shoot_man_in_2008#.V-EPgP195dg (kopja stampata ta' liema pubblikazzjoni hija eżibita bħala Dok B) hija libelluża u malfamanti fil-konfront tar-rikorrenti u għandha bħala skop li ttellef jew tnaqqas ir-reputazzjoni tar-rikorrenti;*

*3) tħallas lir-rikorrenti dik is-somma li tiġi stabbilita minn dina l-Qorti bħala danni morali a tenur tal-artiklu 28 tal-Kap. 248 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Bl-imgħax skont il-liġi u bl-ispejjeż kontra l-intimat li huwa inġunt biex jidher għas-subizzjoni"*

4. L-appellat eċċepixxa li l-artikolu in kwistjoni huwa msejjes fuq il-verità tal-fatti, u *in subsidium* dan kien ta biss kronaka ġusta u nformattiva.

## Is-Sentenza Appellata

5. L-ewwel Qorti waslet għas-sentenza appellata wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet rilevanti għal dan l-appell:

***"Eċċezzjonijiet***

Id-difiża tal-verità tal-fatti

14. *L-ewwel eċċezzjoni mressqa mill-intimat hija dik illi l-artikolu in kwistjoni huwa bbażat fuq fatti veri. Huwa minnu illi ħafna mill-fatti esposti mill-artikolista, bħal per eżempju l-proċeduri ġudizzjarji meħuda kontra Marius Muscat u t-tfal tiegħu, huma fatti verifikabbli u sostanzjalment veri. Madanakollu huma l-fatti tal-bran lamentat illi għandhom ikunu bbażati fuq fatti veri ġaladarba hija din il-parti tal-pubblikazzjoni illi r-rikorrenti jħossu malafamat biha.*

15. *Fir-rigward tal-ġustifikazzjoni ta' xniegħa ossia dik li bl-Ingliż hija magħrufa bħala "*rumour*", il-Qrati tal-Ingilterra u Wales sostnew għal diversi drabi illi din tirrikjedi mhux li l-intimat jressaq provi li verament ir-rikorrenti kien qiegħed jiġi suspettat*

*ta' reat kriminali, jew li kien hemm raġunijiet 'l għala għandu jiġi hekk suspettat, iżda minflok l-intimat għandu jressaq provi illi r-rikorrent tabilħaqq wettaq ir-reat in kwistjoni. (fn. 14 Ara fost oħrajn* ***Chase v. News group Newspapers Ltd.****, [2002] EWCA (Civ) 1772, [2003] E.M.L.R. 11, 218 (C.A) u* ***Lewis v. Daily Tel. Ltd.****, [1964] A.C. 234 (H.L.)) Il-Qorti tikkondividi bi sħiħ dan l-insenjament ġudizzjarju u mill-provi mressqa, speċjalment mix-xhieda ta' Saviour Balzan, ma tarax li b'xi mod l-allegazzjonijiet esposti fil-bran de quo ġew ippruvati bħala veri. Anzi, dan ix-xhud għamilha ċara illi l-artikolist kien qed jibbaża l-artikolu tiegħu biss fuq informazzjoni li waslet lin-*newsroom *minn sorsi fi ħdan il-Pulizija.*

16. *Huwa veru li l-intimat jista' jargumenta illi kieku kien jaf mill-bidu nett illi r-rikorrent kien qed jillimita l-libell għall-bran partikolari in kwistjoni, huwa possibbilment ma kienx jressaq l-eċċezzjoni tal-verità tal-fatti u għalhekk m'għandux ibati l-ispejjeż tagħha. Però kif ser jirriżulta fil-paragrafu sussegwenti, din l-eċċezzjoni xorta waħda ma tistax proċeduralment tiġi mqajjma fil-konfront tar-rikorrent.*

17. *Dan qed jingħad għaliex għall-finijiet ta' din il-kawża (li nbdiet qabel iddaħħal fis-seħħ l-Att dwar il-Midja u l-Malafama) din id-difiża hija rregolata mill-Artikolu 12 tal-Kap. 248 li fost affarijiet oħra jipprovdi illi l-prova tal-verità tal-fatti attribwiti hija ammessa biss fil-każ li l-persuna offiża taqa' taħt waħda jew iktar mill-ħames kategoriji elenkati u ċioe:*

    1. Tkun uffiċjal jew impjegat pubbliku u l-fatti attribwiti lilha huma dwar l-eżerċizzju tal-funzjonijiet tagħha; jew
    2. Tkun kandidat għal kariga pubblika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-onestà, il-ħila jew il-kompetenza tagħha li tokkupa dik il-kariga; jew
    3. Abitwalment teżerċita professjoni, arti jew sengħa, u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, arti jew sengħa; jew
    4. Tieħu parti attiva fil-politika u l-fatti attribwiti lilha jkunu dwar il-parti li hi tieħu fil-politika; jew
    5. Jkollha kariga ta' fiduċja fi kwistjoni ta' interess pubbliku ġenerali.

18. *Huwa ċar illi r-rikorrent ma jaqa taħt l-ebda waħda minn dawn il-kategoriji għaliex ir-rikorrent la huwa uffiċjali jew impjegat pubbliku, la huwa kandidat għal kariga pubblika, la jeżerċita professjoni, arti jew sengħa (jew jekk jagħmel hekk, l-fatti attribwiti lilu ma jikkonċernawx tali professjoni, arti jew sengħa), la jieħu parti attiva fil-politika u lanqas m'għandu kariga ta' fiduċja. Għalhekk din id-difiża m'hijiex proċeduralment ammissibbli.*

Dritt ta' kronaka

19. *L-eċċezzjoni l-oħra formali mressqa mill-intimat hija dik illi l-artikolu odjern qiegħed biss jagħti kronaka ġusta u informattiva.*

20. *F'dan ir-rigward intqal mill-Qrati tagħna illi*

"fejn għandu x'jaqsam ma' ġurnaliżmu investigattiv serju kemm il-Qrati Maltin u kif ukoll il-Qorti ta' Stasbourg jagħtu għarfien lill-fatt li l-jedd ta' kronaka mibni fuq ġurnaliżmu serju jagħti ħarsien wiesa' lill-ġurnalist taħt l-artikolu 10 tal-Konvenzjoni. Dan ukoll fejn il-pubblikazzjoni tkun milquta minn xi żball jew ineżattezza ġenwina, imbasta tkun magħmula b'mod serju u prudenti fuq ħaġa ta' interess pubbliku, bla ħsieb jew mottiv ulterjuri u li l-kontenut ikun wieħed ġust ("fair") u li meta jkun hemm ċaħda jew spjegazzjoni ta' dak ir-rapportaġġ mill-persuna milquta bih, il-ġurnalist iġib ukoll tali ċaħda jew spjegazzjoni fl-imsemmi rapportaġġ *(fn. 15 App. Ċiv. 26.3.2010 fil-kawża fl-ismijiet **Norman Bezzina vs Joe Mifsud** kif ikkwotata fis-sentenza **Louis Galea v. Etienne St. John et.** (946/1997/1 JRM, PA, 30/04/2015))"*

"hija regola dottrinali tal-materja aġitata, konfermata wkoll mill-ġurisprudenza, illi d-divulgazzjoni ta' aħbar permezz ta' stampat jew pubblikazzjoni hi konsiderata bħala eżerċizzju leċitu tad-dritt ta' kronaka. Dan l-eżerċizzju però jibqa' hekk leċitu sakemm jikkorrispondu u jikkonverġu fih dawn l-osservanzi prinċipali: (a) il-verità tal-fatti esposti riżultant minn riċerka serja, diliġenti u kompleta; (b) ir-rakkont irid ikun neċessarju għas-sodisfazzjon tal-interess pubbliku li jkun mgħarraf b'fatti determinati ta' rilevanza politika jew soċjali; (ċ) il-kritika trid tkun miżmuma f'termini korretti u miżurati b'mod li ma titraxxendiex f'aggressjoni personali jew invettiva." *(fn. 16 **Albert Caruana v. Gino Cauchi** (App. Ċivili Nru. 775/02, 23/06/2004)*

21. *Hekk ukoll il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fis-sentenzi diversi tagħha matul is-snin ipproteġiet dan id-dritt ta' kronika u dan per di più anke f'każijiet fejn jiġu ppubblikati xniegħat jew qlajja illi l-ġurnalista ma jkunx jista' jipprova. Per eżempju fis-sentenza **Thorgeir Thorgeirson v. Iceland** (fn. 17 **Thorgeir Thorgeirson v Iceland** (1992) 14 EHRR 843; 13778/88; [1992] ECHR 51 25 Jun 1992) intqal mill-Qorti illi għalkemm l-allegazzjonijiet kienu bbażati fuq xniegħat persistenti li kienu ġejjin mill-pubbliku, ma kienx raġjonevoli però għall-persuna li allegatament tat lok għall-malafama illi tipprova l-verità ta' dawn l-allegazzjonijiet: "*the press would be able to publish almost nothing if it were required to publish only fully proven facts. Obviously, the Court's considerations have to be placed in the context of public debates on matters of public concern".

22. *Kemm mis-sentenzi tal-Qrati tagħna u kemm mill-insenjament tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem jirriżulta ċar illi d-dritt ta' kronaka huwa protett biss meta l-kronaka tkun neċessarja għas-sodisfazzjoni tal-interess pubbliku jew inkella tirrigwarda affarijiet li huma ta'* public concern. *Ma jistax jintqal f'din il-kawża illi l-artikolista kien qiegħed jaqdi xi interess pubbliku meta huwa informa lill-qarrejja illi wieħed mit-tfal ta' ċertu Marius Muscat kien qed jiġi suspettat li wettaq frodi tal-assigurazzjoni. Kwistjoni bħal din hija waħda ta' materja privata u kienet tkun biss fl-interess pubbliku li tiġi rrappurtata storja bħal din li kieku s-suġġett tal-allegazzjonijiet kien huwa nnifsu persuna li taqdi funzjoni pubblika.*

23. *Għalhekk anke din l-eċċezzjoni m'għandiex tiġi milqugħa.*

L-identità tal-malafamat

24. *B'żieda ma' dawn l-eċċezzjonijiet inoltre, fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, l-intimat jargumenta illi r-rikorrent ma ġiex identifikat fil-bran lamentat u billi l-artikolu "*jgħid ċar li Marius Muscat għandu mill-inqas żewġt itfal*" il-kliem użati mil-lintimat "*ma jagħtu l-ebda indikazzjoni dwar liem wieħed mit-tfal ta' Marius Muscat kien is-suspettat f'dan l-akkadut*". Din l-eċċezzjoni ma tressqitx b'mod formali iżda kif ġieli intqal mill-Qrati tagħna f'dan ir-rigward:*

"jidher li hu ormai paċifiku illi 'għalkemm hu veru li min ikun konvenut f'ġudizzju u jrid jikkontesta t-talba għandu jippreżenta nota li jkun fiha miġjubin l-eċċezzjonijiet tiegħu, dan però ma jfissirx illi l-istess konvenut, wara l-preżentata ta' din in-nota, ma jkunx jista' jressaq u jissolleva eċċezzjonijiet oħra, anki fil-korp ta' nota tal-osservazzjonijiet, u huwa obbligu tal-ġudikant li meta jiġi biex jaqta' l-kawża, jeżamina u jivvaluta l-mezzi kollha ta' difiża li l-partijiet ikunu ressqu quddiemu' (Vol. XLI P I p 48)." *(fn. 18 Kif ikkwotata fis-sentenza "**Frans Spiteri pro et noe v. Godwin Abela et.**" (Ċit Nru. 258/1986/2 PS, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 31/01/2003)*

*Din il-posizzjoni m'hijiex waħda konsistenti fil-Qrati tagħna, partikolarment dawk ta' ġurisdizzjoni superjuri (fn. 19 Per eżempju fis-sentenza "**Antida Falzon v. APS Bank Ltd**" (Ċit. Nru. 301/1998/1 GV, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 28/05/2003), il-Qorti qalet li:* "Argument legali dedott f'nota ta' sottomissjonijiet u mhux bħala eċċezzjoni formali, ma jobbligax lill-Qorti li tqisha bħala tali. Diversament ikun jammonta għal strapp proċedurali li jista' jkun ta' preġudizzju serju għall-kontroparti, oltre li jkun ukoll jammonta għal intralċ mhux awtorizzat fuq il-proċeduri 'in corso'.") iżda anke quddiem din il-Qorti *(fn. 20 Ara "**Raymond Zammit v. Anthony Caruana**" (Rik. 156/2014 MLF, 14/11/2018)). Madanakollu din il-Qorti tħoss illi għal aktar minn raġuni waħda hija għandha tieħu din l-eċċezzjoni*

*in konsiderazzjoni. Qabel xejn u forsi l-iktar raġuni importanti hija dik li l-element tal-identifikazzjoni tas-suġġett tal-artikolu huwa fondamentali għal kawżi ta' libell u kwindi l-Qorti għandha d-dritt tqajjem, anki indipendentement mill-inizjattiva tal-parti intimata, in-nuqqas ta' dawk l-elementi li jsostnu l-fundamenti tal-pretensjoni tar-rikorrenti. Dan jiġri dejjem, ukoll fejn parti mħarrka tkun fi stat ta' kontumaċja (ara. ad eżempju, **Giuseppe Wismayer vs Giovanni Magri**, Qorti tal-Kummerċ, 24.11.1934 u **Pons Maria Concetta vs Degabriele Carmelo**, Appell Inferjuri, deċiża 20.11.2009).*

*Inoltre, huwa importanti jingħad illi r-rikorrent ma ġiex ippreġudikat bit-tressiq ta' din l-eċċezzjoni fl-istadju meta tressqet billi huwa kellu ċ-ċans jagħmel ir-replika tiegħu, u anke f'każ ta' ġustifikazzjoni jitlob li jressaq il-provi tiegħu in sostenn tar-replika, fis-seduta tat-8 ta' Frar 2021 liema seduta kienet imħollija għat-trattazzjoni ulterjuri. Filfatt f'tali seduta r-rikorrent ma għamel l-ebda replika jew trattazzjoni ulterjuri u għaldaqstant il-Qorti ħalliet il-kawża għas-sentenza.*

*Finalment il-Qorti tħoss illi r-rikorrent kien jaf mill-bidu nett, jew missu kien jaf, illi l-kwistjoni tal-identità tal-malafamat kienet ser tqum xi ħin jew ieħor f'din il-kawża peress illi fil-bran lamentat, li huwa wieħed qasir ħafna, huwa ma jissemma imkien b'ismu. Għalhekk huwa seta' raġonevolment jantiċipa li ser tqum din il-materja u kellu kull ċans li jilqa' għaliha mill-bidu nett fl-istadju tal-provi tiegħu.*

25. *Dwar l-element tal-identifikazzjoni tas-soġġett tal-artikolu hemm diversi sentenzi fosthom is-sentenza fl-ismijiet **George Buttigieg v. Rebecca sive Becky Zarb Gauci Maistre** (Appell Inferjuri Nru. 199/2011/1 LM, deċiża 12.06.2020) fejn il-Qorti qalet hekk:*

"Din il-Qorti tissenjala li l-ġurisprudenza tal-Qrati tgħallimna li fejn qed tiġi attribwita l-malafama, l-intenzjoni tal-kittieb ma tibqax rilevanti u għandu jiġi mistħarreġ jekk il-qarrej ordinarju, b'mod naturali u mingħajr proċessi diffiċli jistax jasal biex jidentifika l-persuna soġġett tal-kitba u dan sa ċertu grad ta' ċertezza *(fn. 21 **Dr Mario Vella et pro et vs Dione Borg et**, 28.01.2005, Q. Civ.P.A. cit. nru. 1747/2000GV, **Joseph Borg vs Peter Bartolo**, 16.10.02; Q.Civ. PA, cit. nru. 3385/1996DS, **Emanuel L. Micallef vs Victor Camilleri Editur tal-Gurnal "Il Mument et",** 11.10.02, Q.Civ. P.A. cit. nru. 3385/1996, **George Xuereb et vs Alfred*** **Briffa bħala Editur tal-Gazzetta it-Torca,** 13.03.02) b'dana li l-prova dejjem taqa' fuq ir-rikorrent."

*Fis-sentenza **Emanuel L. Micallef v. Victor Camilleri** (Ċit Nru. 3385/1996, Prim' Awla, 11.10.02) il-Qorti ikkwotat silta mis-sentenza **Vincent Borg vs Victor Camilleri et**, Vol. LXXVIII.ii.372:*

"Il-fatt li persuna ma tissemmiex b'isimha f'artikolu ma jfissirx li dik il-persuna ma tistax taġixxi taħt il-liġi tal-istampa. Kemm -il darba mill-kontenut tal-artikolu joħroġ ċar min kienet dik il-persuna, l-editur u l-istampatur tal-ġurnal huma azzjonabbli u responsabbli għad-danni kemm -il darba jirrizulta li ngħatat malafama."

*Ukoll fis-sentenza fl-ismijiet **George Xuereb et v. Alfred Briffa** (Ċit. Nru. 1038/98 AJM, PA deċiża 13.03.2002) intqal illi:*

"Biex ikun hemm malafama huwa neċessarju li jew il-persuna tkun identifikabbli b'isimha jew għal anqas din tkun identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali".

*26*. Fuq dan il-punt però il-Gatley (fn. 22 The Law and Practice of Libel And Slander, 2d Ed., p. 119 et. seq., (1929)) jgħid hekk:

"It is not necessary that the plaintiff should be actually referred to by name. Provided that the words complained of would be understood by reasonable people to refer to the plaintiff and this is the test in every case (fn. 23 Hulton); co. V. Jones, [1909] 2 K.B.444 (C.A.); [[1910] A.C. 20 (H.L.)), it is sufficient if he be described by his initial letters, (fn. 24 Roach v. Garvan (1942), 2 Atk. 469; ('Brien v. Clement (1846), 16 M. & W. 159) or by the first and last letters of his name, (fn. 25 Hurt's Case (1714), Selwyn's N.P. (13th ed.), 989) or even by asterisks/ or blanks, (fn. 26 Bourke v. Warren (1826), 2 C. & P. 307., Levi. v. Milne (1827), 4 Bing. 195) or if he be referred to under the guise of an allegorical, historical, fictitious, or fanciful name, *(fn. 27 R. v. Clerk (1729), 1 Barn. 304)* or by means of a description of his physical peculiarities, (fn. 28 l 'Anson v. Stuart (1787), 1 T. R 748) or the places which he has visited on his travels. (Fn. 29 Harrison v. Smith and Others (1869), 20 L. T. 317.) The test of whether words that do not specifically name the plaintiff refer to him or not is this: Are they such as reasonably in the circumstances would lead persons **acquainted with the plaintiff** *(enfasi miżjuda)* to believe that he was the person referred to?"

*Il-Gatley jikkwota ukoll sentenza oħra (fn. 30 Bourke v. Warren (1826), 2 C. & P) fejn intqal is-segwenti:*

"The question is whether the libel designates the plaintiff in such a way as to let those who knew him understand that he was the person meant. It is not necessary that all the world should understand the libel; it is sufficient if those who know the plaintiff can make out that he is the person meant''.

*Lord Alverstone fis-sentenza Jones v. Hulton & Co. [1909] qal ukoll illi:*

"There is abundant authority to show that it is not necessary for everyone to know to whom the article refers; this would in many cases be an impossibility; but if, in the opinion of a jury, a substantial number of persons who knew the plaintiff, reading the article, would believe that it refers to him, in my opinion an action, assuming the language to be defamatory, can be maintained; and it makes no difference whether the writer of the article inserted the name or description unintentionally or by accident, or believing that no person existed corresponding with the name or answering the description. If upon the evidence the jury are of opinion that ordinary sensible readers, knowing the plaintiff, would be of opinion that the article referred to him, the plaintiff's case is made out."

27. *Kwindi din il-Qorti, għall-kuntrarju ta' dak li ġieli rritenew Qrati oħra, tara li mhux neċessarju għall-finijiet ta' din il-kawża illi l-persuna suġġett għal malafama ikun identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali iżda din il-persuna tal-inqas għandu tkun identifikabbli mill-persuni li jkunu jafuha.*

28. *Fil-każ in eżami r-rikorrent xehed illi kien hu l-persuna li sofra ħruq kawża ta' ħruq fuq dgħajsa. Madanakollu minn imkien ma jirriżulta lill-Qorti, la mill-artikolu u wisq anqas mill-provi, illi ħu r-rikorrent m'għandux dgħajsa ukoll JEW illi l-inċident li fih r-rikorrent sofra ħruq kien wieħed li ġie rrappurtat fil-miftuħ jew tal-inqas kien magħruf fost in-nies li jafu lill-istess rikorrent. Fi kliem ieħor ma jirriżultax lill-Qorti illi l-persuni li jafu lir-rikorrenti kienu jafu li kien hu (i.e. u mhux ħuh l-ieħor) li sofra ħruq fl-inċident in kwistjoni. Wieħed jista' forsi jażżarda jassumi – iżda mhux jikkonkludi fuq bażi ta' probabbiltà – dan il-fatt importanti.*

29. *Fl-artikolu mertu ta' din il-kawża, it-tfal ta' Marius Caruana ġew identifikati bħala "Adrian and Alan" filwaqt li fil-bran lamentat l-artikolist jirreferi għal "Muscat's son". Ma jidhirx, tal-inqas mill-artikolu jew mill-provi miġjuba, illi Marius Caruana għandu xi tfal oħra. Kwindi qarrej sensibbli dotat b'intelliġenza ordinarja jaf, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni, illi l-persuna li skont rapporti mhux ikkonfermati kien involut f'attentat ta' frodi kien* ***Adrian Caruana jew Alan Caruana***. *B'daqsxejn tiġbid tal-immaġinazzjoni wieħed jista' jargumenta illi filwaqt li l-artikolista jgħid illi* "Muscat's son had suffered burns in a boat fire" *dan ma jgħidx illi kien l-istess* "Muscat's son" *illi effettivament kien suspettat fl-involviment ta' frodi. Però huwa ċar għall-Qorti li t-tifsira singulari li għandha tingħata lil dan il-bran, kif ukoll it-tifsira l-iżjed loġika għaliha, hija dik illi* "Muscat's son" *mhux biss weġġa' fl-inċident iżda kien ukoll l-istess persuna suspettata ta'* insurance fraud.

30. *Skont ma' jgħid l-intimat fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu:* "qarrej ordinarju ma setgħax jasal għall-konklużjoni li din is-silta qed tagħmel referenza

għall-attur u mhux għal xi tfal oħra ta' Marius Muscat, fosthom Alan Muscat Ii wkoll jissemma diversi drabi b'ismu f'artikolu de quo stess. Għalhekk, l-identifikazzjoni tal-attur, element essenzjali f'kawża ta' Iibell, huwa nieqes."

31. *F'dan ir-rigward Gatley jgħid is-segwenti:*

"Where the words complained of reflect on a body or class of persons generally, such as lawyers, clergymen, publicans, etc., no particular member of the body or class can maintain an action … But where the words complained of reflect on each and every member of a determinate body or class of persons, e.g., the lawyers concerned in a particular cause, or the clergy attached to a particular church, or the directors of a particular company, each and every member of the body or class can maintain a separate action. Thus where a suit was pending against one Foxcroft and sixteen other persons, and a discourse being had concerning the suit, Lacey said, "These defendants helped to murder H.F.," it was held that this charge was "sufficient to entitle every one of the defendants to a several action as if they were specially named". So where the defendant said to a father: "Your children are thieves, and I can prove it", it was held that the charge was sufficiently definite to enable each of the children to maintain a separate action for slander…

… Where the words do not reflect on each and every member of a body or class of persons, but only on someone member thereof, no particular member of the body or class can sue, unless he can prove that the words were understood by those to whom they were published to refer solely or especially to himself. Thus where the defendant said to three men who had given evidence against him at a trial,'' There is one of you that is perjured in the giving of this evidence,'' it was held that no action lay, for there was nothing to show which of the three men the defendant referred to…

… Where the words reflect impartially on either of two persons, e.g., if the defendant said: "Either A or B has stolen my watch," neither A nor B can maintain an action unless he can prove that the words were untrue of the other, or there was something in the defendant's tone or manner, or in the expressions added, or in the surrounding circumstances which would lead those who heard the words to understand them as solely applicable to himself" *(fn. 31 The Law and Practice Of Libel And Slander, 2d Ed., p. 123 et. seq.. (1929))*

32. *Fil-każ de quo kif ġa ntqal, qarrej sensibbli dotat b'intelliġenza ordinarja jikkonkludi, meta jaqra l-artikolu in kwistjoni, illi l-persuna li skont rapporti mhux ikkonfermati kien involut f'attentat ta' frodi kien* ***Adrian Caruana JEW Alan Caruana.*** *Fi kliem ieħor ma setax ikunu t-tnejn li huma u darba s-suġġett tal-allegat*

*malafama kien speċifikament wieħed mill-aħwa (mingħajr però ma ġie speċifikat l-isem), la rrikorrent Adrian Caruana u lanqas ħuh Alan Caruana ma setgħu jagħmlu libell lill-intimat fin-nuqqas ta' prova illi l-qarrej ordinarju li jaf lill-aħwa kien jaf għal min kien qiegħed jirreferi l-intimat. Mhux l-istess kien jiġri però li kieku l-artikolista semma liż-żewġt aħwa (mingħajr ma semmihom b'isimhom) f'daqqa bħala persuni suspettati li wettqu frodi għax f'dak il-każ kemm wieħed u kemm l-ieħor kienu ikollhom dritt t'azzjoni kontra l-intimat.*

33. *Għalhekk, fin-nuqqas ta' dan l-element tant importanti, l-azzjoni tar-rikorrenti ma tistax treġi fil-konfront tal-intimat".*

## **L-Appell**

6. L-appellant ippreżenta r-rikors tal-appell tiegħu fil-5 ta' Lulju, 2021, fejn qed jitlob lil din il-Qorti sabiex:

*"filwaqt li tikkonferma is-sentenza appellata fejn din sabet illi għar-rigward tal-ewwel eċċezzjoni imressqa mill-intimat appellat bir-risposta tiegħu tal-1 ta' Novembru, 2021 u ċioé dik tal-verità tal-fatt li* "ma tarax illi b'xi mod l-allegazzjonijiet espost fil-bran de quo ġew ippruvati bħala veri" *u li għar-rigward tat-tieni eċċezzjoni u ċioé dik ta' dritt ta' kronaka illi din l-*"eċċezzjoni ma għandhiex tiġi milqugħa"*, timmodifika is-sentenza appellata billi fin-nuqqas ta' eċċezzjonijiet oħra, tirrevoka id-decide tas-sentenza tal-ewwel onorabbli qorti fejn l-ewwel onorabbli qorti ċaħdet it-talbiet tar-rikorrenti u orndat li l-ispejjeż ikunu bla taxxa billi jekk hemm bżonn tiċħad l-eċċezzjoni tal-intimat appellat, tilqa' t-talbiet kollha tar-rikorrenti u tilikwida l-ammont dovut mill-intimat lir-rikorrenti kif mitlub u tikkundanna lill-konvenut iħallas dan l-ammont hekk likwidat jew stabbilit. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-intimat".*

Jgħid li l-aggravji tiegħu huma dawn: (i) l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta straħet is-sentenza appellata fuq argument li qajjem l-appellat l-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu; u (ii) l-identità tiegħu tirriżulta.

7. L-appellat wieġeb fit-22 ta' Lulju, 2021 fejn issottometta li s-sentenza appellata hija waħda ġusta u timmerita konferma għal dawk ir-raġunijiet li huwa jfisser fir-risposta tiegħu.

**<u>Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti</u>**

8. Din il-Qorti ser tgħaddi sabiex tikkunsidra l-aggravji tal-appellant fid-dawl ta' dak li ddeċidiet l-ewwel Qorti, u dan filwaqt li ser tieħu wkoll in konsiderazzjoni s-sottomissjonijiet magħmula mill-appellat fir-risposta tiegħu.

9. L-appellant qed jikkontendi li meta ddeċidiet il-kwistjoni bejn il-partijiet, l-ewwel Qorti skorrettament u bi preġudizzju għalih straħet fuq argument li l-appellat ressaq għall-ewwel darba fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu. Isostni li ġaladarba dan l-argument ma tressaqx bħala eċċezzjoni, hija ma setgħetx tieħu konjizzjoni tiegħu, għaliex il-*litis contestatio* huwa magħmul permezz tal-eċċezzjonijiet, u jkun ta' preġudizzju qawwi għall-attur jekk il-konvenut ikun jista' jserraħ id-difiża tiegħu mhux fuq l-eċċezzjonijiet iżda fuq argumenti oħra li huwa jkun ressaq fl-aħħar tal-kawża. Jgħid li dan tant mhux permess mil-liġi li hemm bżonn il-permess tal-qorti sabiex tingħata eċċezzjoni ulterjuri, filwaqt li l-unika eċċezzjoni li tista' tingħata f'kull stadju hija dik tal-preskrizzjoni. Iżda fil-każ odjern, l-appellat ma kien għamel l-ebda talba bħal din, u anki jekk kellha tiġi ttrattata l-kwistjoni tal-identità tal-appellant bħala persuna malfamata, ma kien hemm l-ebda prova kuntrarja. Jinsisti li għall-kuntrarju jirriżulta li huwa identifikabbli fl-artikolu, u saħansitra kien qed ikollu diffikultà mas-soċjetajiet ta' assikurazzjoni.

10. L-appellat għal dak li jirrigwarda l-ewwel aggravju dwar in-nuqqas ta' eċċezzjoni formali, isostni li dan huwa wieħed fieragħ. Huwa jagħmel riferiment għal dak li qalet l-ewwel Qorti, fejn iċċitat sentenza tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla.[1] Jirrileva li wara kollox l-artikolu 728 tal-Kap. 12 jirrikjedi li fil-każ biss ta' kawżi b'rikors ġuramentat li l-eċċezzjonijiet kollha għandhom jingħataw fir-risposta ġuramentata. L-appellat jissottometti li l-ħtiġijiet ta' formaliżmu żejjed fil-proċedura mhumiex kompatibbli mar-*ratio legis* tal-proċeduri, u dan kif imfisser fl-artikolu 215 tal-Kap. 12. Jirrileva li bħala qorti li għandha timxi b'mod sommarju, u fejn l-atti ppreżentati quddiemha mhumiex soġġetti għar-rekwiżiti proċedurali mfissra fit-Titolu II, hija għandha s-setgħa li tiddeċiedi dwar fatti li jirriżultaw ippruvati waqt il-proċeduri. In sostenn ta' dan l-argument, huwa jagħmel riferiment għall-artikolu 213 tal-Kap. 12. Jirrileva li wara li l-ewwel Qorti appuntat seduta sħiħa għas-sottomissjonijiet orali fit-8 ta' Frar, 2021, l-appellant u anki l-avukat difensur tiegħu naqsu milli jidhru. Jgħid li wara kollox kif irrilevat l-ewwel Qorti, l-element tal-identifikazzjoni tas-suġġett tal-artikolu huwa fundamentali għal kawżi ta' libell, u għalhekk l-ewwel Qorti kienet tenuta tqajjem il-kwistjoni minn jeddha. Dwar it-tieni aggravju mressaq mill-appellant, l-appellat jissottometti li l-appellant ħassu malafamat bil-kliem *"Claims that Muscat's son had suffered burns in a boat fire, which had been started in an attempt at insurance fraud, remain unconfirmed"*, iżda hawn l-appellant ma kienx issemma b'ismu. Imbagħad l-artikolu kien isemmi li Marius Muscat għandu mill-inqas żewġt itfal, u jagħraf tnejn minnhom, jiġifieri l-appellant u ħuh Alan Muscat, u għalhekk m'hemm l-ebda riferiment għal xi wieħed minnhom

[1] **Frans Spiteri pro et noe** ***vs.*** **Godwin Abela et**, Ċit Nru. 258/1986/2 PS, Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, 31.01.2003.

partikolari li kien suspettat fl-inċident imsemmi. L-appellat jissottometti li diversi drabi l-Qrati tagħna ppronunzjaw ruħhom dwar l-identifikazzjoni tal-attur f'kawża ta' libell, u għalkemm bħala prinċipju ġenerali ma kienx hemm bżonn li dan jissemma b'ismu, għandu jkun ċar fil-moħħ tal-qarrej ordinarju li r-riferiment huwa għalih. B'hekk l-appellat jgħaddi sabiex jiċċita minn żewġ sentenzi tal-Qorti Ċivili, Prim'Awla.[2] Jinsisti li fil-każ odjern l-appellant ma ressaq l-ebda prova illi l-qarrej ordinarju seta' jagħraf l-identità tiegħu u saħansitra li kien hu u mhux ħuħ li sofra ħruq fl-inċident in kwistjoni. Huwa jiċċita wkoll l-insenjament ta' Gatley u jistqarr li fil-każ odjern l-identifikazzjoni tal-attur, element essenzjali f'kawża ta' libell, huwa hawnhekk għal kollox nieqes, u l-ewwel aggravju għandu jiġi miċħud. Jiddikjara li f'kwalunkwe każ l-artikolu mhux wieħed malafamanti. L-appellat jispjega li dan kien jgħid biss li kienu jeżistu xi rapporti mhux konfermati, li xi wieħed mit-tfal ta' Marius Muscat seta' għamel attentat ta' frodi fuq il-kumpannija assikuratriċi tiegħu, mingħajr ma jissemma ismu jew li jingħad li kien ħati tal-aġir imsemmi. L-appellat isostni li wara kollox l-ebda prova ma tressqet dwar l-allegat problemi li l-appellant sab mal-kumpanija assikuratriċi tiegħu. Jirrileva li hawn mhux il-każ li huwa kien ivvinta storja, għaliex verament l-appellant kien involut f'inċident ta' ħruq tad-dgħajsa tiegħu u sofra ġrieħi gravi bħala riżultat. L-appellat jispjega kif is-suspetti ta' frodi kienu oriġinaw minn sorsi fil-Pulizija, kif xehed l-editur tal-gazzetta stess. L-appellat jagħlaq billi jgħid li l-artikolu ma kienx qed jixlih b'aġir ħażin jew ta' stmerrija, kemm għaliex huwa mhux identifikat, u anki għaliex jingħad b'mod ċar li l-allegazzjonijiet mhumiex konfermati.

[2] **Onor Angelo Farrugia *v* Nicholas Cutajar et** (PA,29.09.2011), u **Summit Finishers Ltd *v* Alexei Dingli** (Mag. 21.05.2018).

11. Il-Qorti tgħid li l-ewwel Qorti ddeċidiet sew. Filwaqt li għarfet li l-argument li l-appellant ma kienx ġie identifikat fis-silta in kwistjoni, kien tressaq quddiemha mill-appellat permezz tan-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, u għalhekk ma tressaqx formalment bħala eċċezzjoni, hija ċċitat l-insenjament tal-Qrati tagħna kif imfisser fis-sentenza bl-ismijiet **Frans Spiteri pro et noe *vs.* Godwin Abela et**.[3] Iżda għarfet ukoll li l-pożizzjoni tal-Qorti kif imfissra f'dik is-sentenza mhijiex waħda konsistenti fil-Qrati tagħna. Madankollu l-ewwel Qorti ddeċidiet li għandha tieħu din l-eċċezzjoni in konsiderazzjoni għal diversi raġunijiet, fejn l-aktar importanti tgħid kienet dik li l-element tal-identifikazzjoni tas-suġġett tal-artikolu huwa fundamentali għal kawżi ta' libell, u għalhekk ħasset li hija għandha d-dritt li tissolleva wkoll minn jeddha n-nuqqas ta' dawk l-elementi fundamentali għall-pretensjoni tal-appellant. Il-Qorti tikkondividi pjenament din il-pożizzjoni tal-ewwel Qorti, u żżid tgħid li fin-nuqqas ta' element daqstant fundamentali sabiex tirnexxi kawża ta' libell, l-azzjoni tal-appellant ma setgħet qatt tirnexxi anki fin-nuqqas ta' eċċezzjoni min-naħa tal-appellat. Tgħid li l-Qorti hija tenuta li tinvestiga l-elementi kollha tal-azzjoni, u fin-nuqqas ta' wieħed minnhom, it-talbiet tar-rikorrent ma jistgħux jiġu milqugħa.

12. L-ewwel Qorti għarfet li fil-każ odjern l-appellant ma setax isofri preġudizzju minħabba l-istadju li fih tressqet din l-eċċezzjoni, u dan għaliex huwa kellu l-opportunità li jagħmel ir-replika tiegħu waqt is-seduta tat-8 ta' Frar, 2021, li kienet intiża għat-trattazzjoni ulterjuri, meta l-imsemmi appellant għażel li ma jagħmel l-ebda replika jew trattazzjoni ulterjuri, u għalhekk hija

[3] Ċit *supra*.

kienet ħalliet il-kawża għas-sentenza. Din il-Qorti osservat ukoll li l-appellant naqas għal kollox li jikkontesta l-argument miġjub mill-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu quddiem l-ewwel Qorti, għalkemm huwa ngħata l-opportunità li jagħmel dan, u għalhekk ma jistax illum quddiem din il-Qorti jilmenta li d-deċiżjoni tal-ewwel Qorti twassal għal preġudizzju fil-konfront tiegħu. L-ewwel Qorti sewwa żiedet tgħid li l-appellant kellu jkun jaf mill-bidunett, jew messu kien jaf, li matul il-proċeduri kienet ser tqum il-kwistjoni tal-identità tiegħu, u qalet dan għaliex il-bran li huwa kien qed jilmenta dwaru, kien wieħed qasir ħafna fejn ismu mhuwiex imsemmi. B'hekk huwa kellu l-opportunità li jilqa' għall-kwistjoni mill-bidunett fl-istadju tal-provi tiegħu.

13. Dwar il-mertu tal-kwistjoni, l-ewwel Qorti qalet li kien hemm diversi sentenzi tal-Qrati dwar l-element tal-identifikazzjoni tas-soġġett, u tiċċita minn uħud minnhom, anki l-insenjament ta' Gatley fuq il-kwistjoni tal-identifikazzjoni tar-rikorrent f'kawża ta' malafama. Iddikjarat korrettement li ma kinitx qegħda tqis neċessarju għall-finijiet ta' dawn il-proċeduri li l-persuna soġġetta tal-malafama hija identifikabbli mill-pubbliku in ġenerali, iżda li din tal-inqas tkun identifikabbli mill-persuni li jafuha. Qieset li fil-każ odjern ma kienx irriżultalha li l-persuni li jafu lill-appellant kienu jafu li kien hu u mhux ħuh l-ieħor li sofra ħruq fl-inċident in kwistjoni. Qalet li wieħed seta' forsi jassumi dan il-fatt, iżda mhux jikkonkludih fuq bażi ta' probabbiltà. Wara li osservat li fl-artikolu in kwistjoni kienu ġew identifikati *"Adrian and Alan"* bħala t-tfal ta' Marius Caruana, u fil-bran lamentat sar riferiment għal *"Muscat's son",* osservat ukoll li mill-artikolu u mill-provi ma kienx jidher li Marius Caruana għandu xi tfal oħra u ddikjarat ġustament li *"Kwindi qarrej sensibbli dotat b'intelliġenza ordinarja jaf, meta*

*jaqra l-artikolu in kwistjoni, illi l-persuna li skont rapporti mhux ikkonfermati kien involut f'attentat ta' frodi kien* ***Adrian Caruana jew Alan Caruana.****"*

14. Wara li ħadet in konsiderazzjoni dak li qal l-appellat fin-nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, l-ewwel Qorti ċċitat lil Gatley, fejn din il-Qorti tgħid is-segwenti silta hija partikolarment rilevanti:

> *"...Where the words do not reflect on each and every member of a body or class of persons, but only on someone member thereof, no particular member of the body or class can sue, unless he can prove that the words were understood by those to whom they were published to refer solely or especially to himself. Thus where the defendant said to three men who had given evidence against him at a trial, "There is one of you that is perjured in the giving of this evidence," it was held that no action lay, for there was nothing to show which of the three men the defendant referred to...".*

15. Il-Qorti tgħid li minn din is-silta ċitata mix-xogħol ippubblikat ta' Gatley intitolat **The Law and Practice of Libel and Slander**, joħroġ ċar li l-bran lamentat ma jistax jitqies li jagħti azzjoni lill-appellant għal malafama, għaliex m'hemm l-ebda indikazzjoni ċara fih li huwa kien is-soġġett tal-kitba. Għalhekk l-ewwel Qorti kompliet billi qalet li skont l-artikolu in kwistjoni, ma setgħux ikunu l-aħwa t-tnejn, ladarba s-suġġett tal-allegata malafama kien wieħed minnhom, mingħajr ma ssemma min minnhom kien. Ikkonkludiet li l-ebda wieħed minnhom ma seta' jagħmel libell lill-appellat minħabba n-nuqqas ta' prova li kienet turi li l-qarrej ordinarju li kien jaf lill-aħwa, kien jaf ukoll għal min kienet qiegħed isir riferiment. L-ewwel Qorti osservat li l-konklużjoni ma kinitx ser tkun l-istess fl-eventwalità li l-artikolista semma liż-żewġt aħwa flimkien bħala suspettati li wettqu frodi, għaliex f'dak il-każ kemm wieħed u kemm l-ieħor kien ikollu d-dritt li jipproċedi kontra l-appellat. B'hekk ikkonkludiet li fin-nuqqas ta'

dan l-element tassew importanti, l-azzjoni li ressaq l-appellant ma setgħetx tirnexxi.

16. Il-Qorti tikkondividi pjenament dawn il-konklużjonijiet tal-ewwel Qorti, u fid-dawl tas-sentenza tagħha daqstant mirquma u studjata, ma ssib xejn x'iżżid magħha.

17. Għaldaqstant il-Qorti ma ssibx l-aggravji tal-appellant ġustifikati, u b'hekk tiċħadhom.

**Decide**

**Għar-raġunijiet premessi l-Qorti tiddeċiedi dwar l-appell tal-appellant billi tiċħdu, filwaqt li tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier tagħha.**

**L-ispejjeż tal-ewwel istanza jibqgħu kif deċiżi, filwaqt li dawk tal-appell odjern għandhom ikunu a karigu tal-appellant.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**